MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 479/2014

**GO plc**
**(C 22334)**

**Vs**

**Nieper Christopher Raoul**
**ID 40446(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2014 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa ewro u sebgha centezmi (€605.07) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru (A/C40139987) moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkati bhala Dok IZY1 u DokIZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 - estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas, izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-1 ta’ Ottubru, 2014 is-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-1 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ ta' sitt mija u hamsa ewro u sebgha centezmi (€605.07) bl-imghaxijiet legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------